MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2013

Numru 698/2013

**Il- Pulizija**
**(Spettur Kenneth Haber)**

**Vs**

**Augustine Abela**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Augustine Abela, ta’ 68 sena, iben il-mejjet Carmel u Carmela nee’ Tabone imwieled Zejtun, nhar it-22 ta’ Mejju, 1945, residenti gewwa 62, Ausmar, Triq Dun Spir Grixti, Zejtun, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 0499845M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-23 ta’ Lulju 2013, gewwa 62, Ausmar, Triq Dun Spir Grixti, Zejtun, ghal-habta tas-sebgha ta’ filghaxija (1900 hrs) u fil-hinijiet ta’ wara:

1. Ikkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Marija Assunta Abela numru tal-karta tal-identita' 0134250M skond kif iccertifikati minn Dr. Jesmond Cassar M.D., numru mediku 1906, mic-centru tas-sahha ta' Rahal il-Gdid;

2. Volontarjament ksirt il-bon ordni b'ghajjat u glied;

3. Ingurjajt jew heddidt bil-kliem lil Marija Assunta Abela numru tal-karta tal-Identita' 0134250M.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija u sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Marija Assunta Abela, tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 382A(1), (2), u (3), u 383 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Marija Assunta Abela ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta' piena u jew sanzjoni. Rat partikolarment il-verbal tal-partijiet fl-udjenza tal-bierah 24 ta` Lulju 2013 fejn iddikjaraw li huma kienu tal-fehemha li, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, l-ahjar sanzjoni ghandha tkun dik taht l-Artikoli 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti ma ghandiex triq ohra hlief li ssib htija skond l-imputazzjonijiet kif dedotti, hlief ghat-tieni imputazzjoni stante li din bl-ebda mod ma tista tirrizulta peress illi dak li sar, effettivament sar bejn l-erba hitan tad-dar fejn tirresjedi l-familja Abela.

Illi fis-sottomissjonijiet finali l-partijiet ghamlu referenza ghall-koperazzjoni da parti tal-hati waqt l-investigazzjoni, ghall-ammissjoni bikrija tal-hati, ghall-fedina penali nettissima tal-hati (u li allura ghandu jitqies bhala *a first time offender*) kif ukoll ghac-cirkostanza partikolari li wasslet ghall-dan il-kaz u cioe’ li l-hati jidher li ghandu l-problema tal-konsum tal-alkohol (problema li, fiha nnifisha, tista tikkawza diffikultajiet emozzjonali u komportamentali). Id-difensur tal-hati rrimarka wkoll illi dan kollu ma jiggustifikax il-vjolenza izda kien moment sfortunat fil-hajja tieghu tali li, bl-ammissjoni tieghu, il-hati issa qed jaccetta minghajr rizervi, ir-responsabbilta` ta` ghemilu skond il-ligi; irrimarka wkoll li l-hati jiddispjacieh ta` dak li ghamel. Stqarr ukoll illi fic-cirkostanzi, il-hati jilqa kull ghajnuna li jista jinghata sabiex jeghleb xi diffikultajiet emozzjonali li jista jkun ghaddej minnhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena u li kwalunkwe forma ta` qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-potenzjali piena u/jew sanzjoni, ma torbotx lill-Qorti, li fl-ahhar mill-ahhar ghandha tkun hi li tapplika u tinfliggi piena jew sanzjoni li jidrilha li tkun l-aktar idoneja ghac-cirkostanzi tal-kaz li jkun.

Illi din il-Qorti, kif inhu l-obbligu taghha, hekk ghamlet. Qiset sew ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u ta` dak kollu li gie mqieghed quddiemha, kemm bhala dokumenti kif ukoll bhala sottomissjonijiet orali. Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` ferita gravi kif migjub kontra l-hati

huwa wiehed serju hafna, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza partikolari, il-hati ta` reat ta` ferita gravi jkun jimmerita li jigi karcerat b'mod effettiv.

Illi pero` din il-Qorti trid necessarjament tiehu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha rizultanti biex tkun tista tasal ghall-ahjar sanzjoni fil-ligi. Irid jigi nnotat li hawnhekk ghandna persuna tal-hati li hu ta` eta` avvanzata (68 sena). Mill-fedina penali esebita jidher li huwa qatt ma kellu xi kuntatt mal-gustizzja. Id-deposizzjonijiet ta` mart il-hati u bintu, in tema ta` piena, ghandhom rilevanza u influwenza sostanzjali. Qabel xejn jigi nnotat minn din il-Qorti illi meta gie mressaq quddiem il-Qorti, l-hati kien akkumpanjat minn martu u zewg uliedu. Ilkoll flimkien, bhala familja, kienu jidhru mahsuda b'dak li gara u bil-fatt li l-missier spicca akkuzat fil-Qorti. Fi ftit kliem, il-familja kollha tidher li hi familja maghquda, izda zgur mhux xi wahda midhla tal-Qorti. Ulied il-hati, zewg xebbiet li ghandhom impjieg rispettabbli u li jidhru li ghandhom livell apprezzabbli ta` edukazzjoni, kienu jidhru b'mod car li qed jaghtu s-support mehtieg liz-zewg genituri taghhom. F'dan ix-xenarju, ir-responsabbilta` ta` din il-Qorti, li tara li kemm jista jkun ma tiddisturbax l-ghaqda li tezisti f'din il-familja, issir aktar pezanti.

Illi din il-Qorti qieset id-depozizzjonijiet ta` mart il-hati, Marija Assunta Abela u tat-tifla tieghu, Angele Abela. Mill-kontenut ta` tali depozizzjonijiet, u mill-komportament tax-xhieda fuq il-pedana, il-Qorti fehemet li x-xewqa generali tal-familja hi li l-missier ma jigix 'allontanat' minnhom izda li l-istess missier jitqieghed f'pozizzjoni fejn tinghatalu l-ghajnuna kollha mehtiega minhabba c-cirkostanzi li jinsab fihom, b'referenza partikolari ghall-konsum tal-alkohol. Saret ukoll referenza ghat-tajjeb tal-hati – li hu, qabel ma dahal fl-eta` pensjonabbli, dejjem hadem u qatt ma naqashom f'xejn. Kliem mart il-hati kien fis-sens li hi tixtieq li tigi trattata ahjar minn zewgha ghal dak li jirrigwarda l-kliem li juza meta jikkomunika maghha. Bint il-hati tixhed illi huma lesti, lkoll flimkien, jaghmlu sforz, biex jghinu lill-genituri fil-komunikazzjoni ahjar ta` bejniethom.

Illi ghal dak li jirrigwarda n-natura tal-ferita/i subita/i minn Marija Assunta Abela, b'referenza partikolari ghac-certifikat mediku mahrug mit-Tabib Jesmond Cassar, jigi osservat bir-rispett li ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ghandha tmur ghal u tapplika l-artikolu 218 minflok ma tieqaf u tikkonsidra d-dispost ta` l-artikolu 216 tal-Kap 9. L-artikolu 216 jikkontempla piena ta` prigunerija ta` bejn tliet xhur sa tliet snin (ghal kull buon fini jigi osservat li l-pieni kkontemplati fl-Artikoli 217 u 218 tal-Kap 9 ma jeskludux l-applikazzjoni tal-Artikoli 28A u 28G tal-Kap 9).

Illi fid-dawl ta` dan kollu, l-Qorti qieset sew xi jghidu l-Artikoli 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dawn huma parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Illi b'rispett lejn dak li jikkontemplaw l-imsemmija Artikoli tal-Ligi, din il-Qorti hi tal-fehema u li hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li s-supervizjoni tal-hati minn ufficjal tal-probation u skond it-termini tal-istess artikoli tal-ligi huwa mixtieq u adatt. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

**Ghall-dawn il-mottivi**, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215, 216, 338(dd), 339(1)(e), 383 u l-Artikoli 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lil Augustine Abela mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi izda ssibu hati ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah (1) ghal piena ta` prigunerija ta` sentejn izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija; (2) tohrog ordni ta` supervizjoni ghall-perjodu massimu permess mill-ligi, liema Ordni ta` Supervizjoni qed johrog bis-sahha ta` l-Artikolu 28G tal-Kap 9; (3) In oltre, peress illi jidhrilha li

huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Marija Assunta Abela, l-Qorti qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta` elf Euro (€1000) ghal zmien sena mill-llum, u dana ai termini ta` l-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti tat lill-hati, fi klien car u li jinftiehem, l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-procediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------